MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 19/1995/1

**Marco Bongailas**

**vs**

**John Magri u Carmen mart l-istess John Magri;**
**u b'digriet tat-18 ta' Mejju, 2007**
**stante l-mewt tal-konvenut John Magri**
**l-atti gew trasfuzi fuq Carmen Magri;**
**u Rosario Micallef u Bridget mart l-istess Rosario Micallef**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi b'konvenju (Dok. A) li kien sar fil-wiehed u ghoxrin ta' Jannar elf disa' mija u erbgha u disghin (21/01/1994) il-konvenuti John Magri u Carmen mart l-istess John Magri kienu ntrabtu li jbieghu lill-attur li ntrabat li jixtri minghandhom, (a) l-entratura u t-tromba tat-tarag, bla numru u bla isem, fi Triq il-Kahwiela, Haz-Zabbar u (b) l-arja ta' fuq il-*garage* li kien ghadu qed jinbena, bla numru u bla isem, fi Triq il-Kahwiela, Haz-Zabbar, deskritti ahjar fl-istess konvenju, bil-prezz ta' tliet elef lira (Lm3,000) li minnhom l-attur ga' hallas seba' mitt lira (Lm700) akkont, u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet l-ohra msemmija fl-istess konvenju;

U peress illi, skond l-istess konvenju, l-kuntratt ta' bejgh – u – xiri kellu jsir sal-wiehed u tletin ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (31/01/1995);

U peress illi, waqt li kien ghadu jorbot l-imsemmi konvenju, l-konvenuti John Magri u Carmen mart l-istess John Magri abbuzivament bieghu l-istess proprjeta' lill-konvenuti l-ohra Rosario Micallef u Bridget mart l-istess Rosario Micallef (li tigi bint il-konvenuti konjugi Magri) b'kuntratt tat-tnejn u ghoxrin ta' Awissu elf disa' mija u erbgha u disghin (22/08/1994) fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius (Dok. B);

U peress illi dan il-bejgh sar bi ksur tal-konvenju ma' l-attur, u sar b'qerq, sabiex il-konvenuti jevadu d-drittijiet ta' l-attur;

U peress illi ghalkemm il-konvenuti kienu msejha bi protest gudizzjarju pprezentat f'din il-qorti fit-tmintax ta' Novembru elf disa' mija u erbgha u disghin (18/11/1994) sabiex jirrexxindu dan il-kuntratt ta' bejgh – u –xiri li sar b'qerq, u ghalkemm il-konvenuti konjugi Magri kienu msejha sabiex jersqu ghall-kuntratt ta' bejgh – u – xiri ma' l-attur, skond il-konvenju l-konvenuti baqghu ma ghamlu xejn.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghala m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-bejgh li sar b'kuntratt tat-tnejn u ghoxrin ta' Awissu, elf disa' mija u erbgha u disghin (22/08/1994) fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius mill-konvenuti konjugi Magri, lill-konvenuti konjugi Micallef sar b'qerq, sabiex il-konvenuti konjugi Magri bil-kolluzjoni u komplicita' ta' binthom il-konvenuta Bridget u zewgha l-konvenut Rosario Micallef, jevadu l-obbligazzjonijiet taghhom lejn l-attur;

2. Konsegwentement tordna r-rexissjoni ta' l-istess kuntratt tat-tnejn u ghoxrin ta' Awissu, elf disa' mija u erbgha u disghin (22/08/1994) fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius;

3. Tikkundanna lill-konvenuti konjugi Magri sabiex jersqu ghall-formazzjoni u pubblikazzjoni ta' kuntratt biex ibieghu lill-attur il-proprjeta' deskritta fil-konvenju (Dok. A) bil-prezz u bil-pattijiet u kondizzjonijiet kollha mifthiema fl-istess konvenju;

4. Tahtar Nutar Pubbliku biex jircievi u jippubblika l-kuntratti ta' rexissjoni u ta' bejgh – u – xiri u kuraturi biex jidhru f'isem min jonqos li jidher fuq l-istess kuntratti;

5. Jekk dawn it-talbiet ma jistghux jintlaqghu, tillikwida d-danni li sofra l-attur minhabba fin-nuqqas tal-konvenuti konjugi Magri li jersqu ghall-kuntratt ta' bejgh – u –xiri skond il-konvenju; u

6. Tikkundanna lill-istess konvenuti konjugi Magri jhallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kollha, nkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-18 ta' Novembru, 1994, kontra l-konvenuti li huma mharrka biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** Rosario u Bridget Micallef a fol. 22 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-ewwel erba' talbiet huma mproponibbli ghax minn imkien fil-ligi ma johrog li kuntratt ta' bejgh ta' mmobbli jista' jigi rexxiss ghax ikun precedut minn konvenju dwar l-istess immobbli ma' terza persuna.

2. Illi l-hames u s-sitt talba huma wkoll irritwali ghax ma gewx preceduti minn talba biex jigi dikjarat li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni li seta' sofra l-attur, kif irid isir dejjem f'talba ghall-hlas ta' danni.

3. Illi subordinatament u fil-mertu, mhux minnu li l-eccipjenti kienu parti minn xi kolluzjoni jew komplicita' mal-konvenuti l-ohra konjugi Magri, ghax, meta xtraw il-fond *de quo*, ma kienu jafu xejn li dwaru kien hemm diga' konvenju ma' l-attur. Ghalhekk la darba huma kienu *in assoluta buona fede*, ma jistghu ikunu qatt responsabbli ghal xi danni li qed jippretendi l-attur u dawn it-talbiet ma jikkoncernawhomx, kif jidher mill-istess citazzjoni.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** John Magri u martu Carmen a fol. 24 tal-process fejn eccepew:

Illi t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-esponenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici hija ntempestiva stante li l-konvenju jaghlaq fil-31 ta' Jannar 1995 u l-kawza giet prezentata fl-10 ta' Jannar 1995;

2. Illi m'huwiex minnu illi l-kuntratt li sar min-nutar Antoine Agius fit-22 ta' Awissu 1994 dwar il-bejgh ta' l-entratura u t-tromba tat-tarag bla numru u bla isem fi Triq Kahwiela, Zabbar u l-arja ta' fuq il-garaxx li kien ghadu qed jinbena fl-istess lokalita' saru b'qerq jew b'kolluzjoni jew b'komplicita mal-konvenuti l-ohra.

3. Illi hekk kif l-attur seta' johrog mill-konvenju l-istess esponenti setghu ma jkomplux bil-bejgh tal-proprjeta' in kwistjoni.

4. Illi l-attur m'ghandux dritt li jgieghel lill-esponenti sabiex ibieghulu l-proprjeta' fuq imsemmija kif fil-fatt qieghed jitlob.

Difatti l-istess attur gia' jinsab dubjuz mill-pretenzjonijiet tieghu kif jirrizulta mill-istess talbiet tieghu numerati 5 u 6 fl-att tac-citazzjoni.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti** John Magri u martu Carmen a fol. 28 tal-process fejn eccepew:

Illi in linea preliminari l-esponenti jeccepixxu l-irritwalita tat-talbiet numru 5 u 6 fic-citazzjoni pprezentata mill-attur stante li l-istess talbiet mhux preceduti b'talba ghar-responsabbilta' tad-danni.

Salve eccezzjonijiet ullterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 48 tal-process u dika tal-Qorti ta' l-Appell a fol. 169 et seq;
Rat in-noti tal-partijiet.

**Actio Pauliana**

Din hija azzjoni pauliana intiza fost ohrajn biex jigi mhassar kuntratt ta' bejgh ta' proprjeta' immobbli li sar fit-22 ta' Awissu 1994 bejn il-konvenuti Magri u l-konvenuti Micallef b'allegat qerq tad-drittijiet ta' l-attur naxxenti minn konvenju tal-21 ta' Jannar 1994, u fin-nuqqas li jkun jista' jsir dana, jithallsu d-danni kagjonati.

**Fatti**

L-attur kien iffirma konvenju fil-21 ta' Jannar 1994 (Dok. A) fejn il-konvenuti Magri kienu ntrabtu li jbieghu u hu ntrabat li jixtri minghandhom, (a) l-entratura u t-tromba tat-tarag, bla numru u bla isem, fi Triq il-Kahwiela, Haz-Zabbar u (b) l-arja ta' fuq il-*garage* li kien ghadu qed jinbena, bla numru u bla isem, fi Triq il-Kahwiela, Haz-Zabbar. Il-kuntratt ta' bejgh u xiri finali kellu jsir sal-31 ta' Jannar 1995. Irrizulta li waqt li l-imsemmi konvenju kien ghadu jorbot, il-konvenuti Magri, qabdu u bieghu l-istess proprjeta' lill-konvenuti l-ohra  Micallef b'kuntratt tat-22 ta' Awissu 1994 (Dok. B).

**Kontestazzjoni**

L-attur qed jikkontendi li f'dan il-kaz il-qerq da parti taz-zewg konvenuti jirrizulta, billi l-konvenuti Magri zgur li kienu jafu bil-konvenju ghax kienu parti fih, mentri l-konvenuti Micallef kienu jafu bil-konvenju ghax Carmen Magri stess ammettiet li meta marru ghand in-Nutar hija kienet infurmathom bih. Inoltre l-attur isostni li l-konjugi Magri huma l-genituri tal-konvenuta Bridget Micallef u ghalhekk wiehed jippresumi li dawn kienu qalulha li kienu ser ibieghu din il-proprejta' qabel ma huma negozjaw mieghu.
Il-konvenuti Magri jirritjenu l-kuntratt li sar fit-22 ta' Awissu 1994 mal-konvenuti Micallef ma sarx b'qerq jew b'kolluzjoni jew b'komplicita' maghhom billi huma setghu ma jkomplux bil-bejgh tal-proprjeta' in kwistjoni ma' l-attur.

Il-konvenuti Micallef isostnu li l-konvenuti Magri ma kienu qalulhom b'xejn dwar il-konvenju li kellhom ma' l-attur. Ighidu li quddiem in-Nutar ma kien isemma l-ebda diskors f'dan is-sens u skond in-Nutar kieku kien jaf bil-konvenju, ma kienx jaghmel il-kuntratt. Skond il-konvenuti Micallef, Carmen Magri hasbet li l-konvenju li kellha ma' l-attur ma kienx jorbotha u kien bizzejjed ghaliha li ttih il-flus lura u jieqaf kollox hemm u kien ghalhekk li hi ma qalet xejn lit-tifla b'dan il-konvenju.

**Ligi**

L-azzjoni mressqa mill-attur hija dika maghrufa bhala l-Actio Pauliana kontemplata fl-artikolu 1144 tal-Kodici Civili (Kap. 16) li jipprovdi li:

*"Kull kreditur jista' wkoll f'ismu jattakka l-atti maghmula b'qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju ta' l-esekuzzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili."*

Dina l-azzjoni hija rimedju generiku u komprensiv moghti lil kull kreditur biex dana jesigi dak li hu dovut lilu. Kull ma hu mehtieg hu li jkun hemm il-konoxxenza tal-fatt li bl-att imputat ikun qed jinholoq pregudizzju ghall-kreditur.

Illi sabiex dina l-azzjoni tirnexxi jridu jikkonkorru zewg elementi principali; l-"eventus danni" u l-"consilium fraudis".

L-ewwel element, dak tal-***eventus danni,*** jikkonsisti fil-pregudizzju li jsofri l-kreditur li b'rizultat ta' l-att li qed jigi mpunjat, id-debitur jkun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta' pregudizzju ghad-drittiijiet tal-kreditur, liema att jkun rrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.

It-tieni element dak tal-***consilium fraudis*** huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur, minghjar ma hi rikjesta l-intenzjoni li l-kreditur jigi defrawdat.

Element l-iehor li hu relatat ma' l-ahhar ingredjent huwa dak tal ***partecipatio fraudis*** da parti tat-terz akkwirent. Jekk l-att ikun wiehed oneruz, il-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt, mentri fil-kaz li l-att ikun wiehed b'titolu gratuwitu bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur.

Dwar dana l-ahhar element l-awtur Butera jghallem li: "Chi contrattando con il debitore sa che il *gestum*, ossia il negozio giuridico, nuoce ai creditori, possiede la *conscientia fraudis, e' conscius et fraudem participans"* u jkompli

"Onde per la revoca dell'atto basta che ognuno dei due contraenti, singolarmente considerato, sappia che l'atto medesimo produce diminuzione di patrimonio del debitore, e quindi lesione del diritto dei creditori ... Ognuno di essi quindi deve sapere che l'atto rechera' pregudizio ai creditori; ma non e' detto che l'uno deve rispettivamente consoscere il disegno dell'altro". (Butera: Azione Pauliana).

L-effett ta' dina l-azzjoni, meta jigu ppruvati dawn l-elementi flimkien mal *participatio fraudis* da parti tat-terz akkwirent, hu wiehed restitutorju fis-sens li l-kreditur jigi mqieghed fl-istess kondizzjoni li kien fiha qabel ma kien sehh l-att frawdolenti ghad-dannu tieghu.

**Konsiderazzjonijiet**

F'dan il-kaz biex tirnexxi l-azzjoni ta' l-attur ghat-thassir tal-kuntratt tat-28 ta' Awissu 1994 bejn il-konvenuti Magri u Micallef, kif qed jintalab fl-ewwel erba talbiet, irid jigi pruvat mill-attur li kien hemm qerq da parti, kemm tal-konvenuti Magri kif ukoll tal-konvenuti Micallef. (ara sentenza ta' l-Appell f'dina l-kawza a fol. 169 *et seq*).

Illi l-frodi f'din l-azzjoni hi element ta' sostanza u objettiv u tista' timmanifesta ruhha taht diversi aspetti. Tista' tkun diretta u tista' tkun indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jintenta l-azzjoni revokatorja ghaliex il-frodi fil-kuntratti ma tistax tigi prezunta.

Fir-rigward tal-konvenuti Magri dawna wiegbu li l-kuntratt li sar fit-22 ta' Awissu 1994 mal-konvenuti Micallef ma sarx b'qerq billi huma setghu ma jkomplux bil-bejgh tal-proprjeta' in kwistjoni.

Il-Qorti ma taqbilx u tirrileva li, kuntrarjament ghal dak li qed jeccepixxu l-konvenuti Magri, huma kienu legalment marbuta b'konvenju ma' l-attur li jbieghlu l-immobbli in kwistjoni ghalhekk isegwi li huma ma setghux ibieghu lill-konvenuti l-ohra l-proprjeta' in kontestazzjoni ghalhekk il-kuntratt sar bi pregudizzju tad-drittijiet ta' l-attur u sar b'qerq.

Kwantu ghall-konvenuti Micallef dawn qed ighidu li huma xtraw l-arja in kwistjoni billi l-konvenuta Bridget Micallef kellha nkwiet kbir mal-girien taghha u meta ommha, Carmen Magri, saret taf b'dana, hajritha biex tixri l-arja biex tmur toqghod hemm minflok. Kien ghalhekk li sar il-kuntratt li bih huma xtraw l-arja u ma kien hemm ebda konfoffa jew komplicita' ma' Magri jew xi qerq fil-konfront ta' l-attur. Huma xtraw in buona fede u Magri qatt ma semmew maghhom li kien hemm xi arrangament iehor ma' l-attur, u l-attur lanqas ma ssemma maghhom. Il-konvenuti Micallef cahdu li Magri kienu offrew dina l-arja lill-Bridget Micallef qabel ma sar il-konvenju ma' l-attur.

Il-kwistjoni ghalhekk li trid tigi deciza minn dina l-Qorti hija jekk kienx hemm qerq, il-consilium fraudis da parti tal-konvenuti Micallef cjoe' jekk kienux jafu jew gewx infurmati li Magri kienu gja fuq konvenju ma' l-attur meta ghamlu l-kunratt maghhom.

Kif isemmi l-Butera, "Spesso non converra' al debitore di scoprire le proprie intenzioni, come quando egli voglia concludere un atto oneroso e per conseguire una migliore offerta si astenga dal confessare schiettamente il fine cui miri". Ghalhekk fejn jidhol il-qerq min natura ta' l-affarijiet dan x'aktarx ikun jista' jirrizulta minn provi cirkostanzjali billi min irid jqarraq mhux sejjer ixandar l-intenzjoni tieghu biex johloq provi kontra tieghu. F'dan il-kaz, per ezempju, l-konvenuti Magri ma kienux ser ighidu lin-Nutar li huma kienu gja marbutin b'konvenju iehor.

Fil-kaz tal-konvenuti Micallef il-Qorti hi tal-fehma li l-*consilium fraudis* jirrizulta pruvat ukoll, u l-provi jindikaw li huma kienu jafu, meta ghamlu l-kuntratt ma' Magri, li l-arja kienet gja nbieghet lill-attur.

L-ewwelnett il-Qorti tirrileva li l-konjugi Magri jigu l-genituri tal-konvenuta Bridget Micallef, mart Rosario.

L-attur isostni li qabel ma ghamel il-konvenju ma' Magri, dawn kienu gja offrew l-arja lill-binthom Bridget qabel, izda dina ma kinitx accettata billi hi u r-ragel taghha kienu jippreferu joqghodu Hal-Luqa fejn kienu u mhux Haz-Zabbar. Dana d-diskors gie michud mill-konvenuti Micallef.

Mill-provi li semghet dina l-Qorti, hi tal-fehma li l-genituri ta' Bridget Micallef, il-konvenuti Magri, ma kienux ser jaghmlu negozju ta' certa importanza bhal bejgh ta' immobbli, u ma se jsemmu xejn lill-binthom u wara li jinnegozjawha lanqas biss jinfurmawha b'dak li ghamlu. Mill-provi prodotti jirrizulta li, qabel ma xtara l-attur, kien hemm diversi persuni estranei li gew infurmati, thajjru jew gew imhajra mill-konvenuti Magri biex jixtru dina l-arja, izda jidher li l-konvenuta Bridget Micallef biss ma gietx infurmata jew offruta dina l-arja.

Jirrizulta li l-kuntratt bejn Magri u Micallef kien sar mall-ewwel ghand in-Nutar Agius minghajr ma sar ebda konvenju. B'dan il-mod l-attur ma setghax jigi a konoxjenza tieghu hlief wara li sar. Il-Qorti tosserva wkoll li ghalkemm il-konvenuti Micallef diga kellhom loan mill-bank fuq il-post l-iehor, huma jghidu li kienu lesti li jidhlu ghall-dejn iehor u piz iehor li ma kellhomx bzonnu, biex jixtru dina l-arja u jibnuha. Huma kienu se jbieghu dak li gja kellhom biex jergghu jibnu mill-gdid minhabba inkwiet mal-girien. Il-konvenuti Micallef isemmu li kien sar ftehim ma' John Magri li huma ihallsu ta' l-arja biss wara li jbieghu d-dar taghhom f'Haz Zabbar, izda dana l-ftehim ma jidher imkien, la fil-kuntratt u lanqas f'xi skrittura privata ohra li ssemmiet.

L-attur jikkontendi li l-konvenuta Carmen Magri fix-xhieda taghha a fol. 252 ammettiet li kienet infurmat lill-konvenuti Micallef li kienet fuq konvenju ma' l-attur, meta fil-Qorti xehdet li "*Lit-tifla u lir-ragel taghha jiena ma kontx informajthom b'dan il-konvenju (ma' l-attur) hlief meta*

*morna ghand in-Nutar”* ghalhekk jikkonkludi li meta l-konvenuti Micallef xtraw huma kienu in mala fede ghax kienu jafu b’dan il-konvenju.

Il-konvenuti Micallef ma jichudx li ntqal dan id-diskors fil-Qorti izda jirriferu ghall-diskors iehor li qalet l-istess Carmen Magri ukoll f’sens oppost. Dina l-Qorti li semghet lill-konvenuta Carmen Magri tixhed quddiemha thoss li dina x-xhud mhiex qed tghid il-verita’ kollha u daqqa tghid haga u daqqa tghid ohra. Kien hemm okkazzjonijiet fejn ghal domandi semplici hi wiegbet li ma fehmitx x’kien qed jigi mistoqsi lilha, partikolarment meta ntalbet tirrispondi jekk it-tifla taghha saritx taf bil-kwistjoni li kellha ma l-attur wara l-kuntratt.

Il-konvenuti Micallef jikkontendu li Carmen Magri ma kellha ebda kwistjoni ma’ l-attur u ppretendiet li setghet tittermina l-ftehim billi troddlu lura l-flus li hallas fuq il-konvenju, ghalhekk jargumentaw li kien minhabba f’hekk li hija ma qalet xejn lit-tifla taghha dwar il-konvenju. Izda dana l-argument jista’ jintuza wkoll kontra l-konvenuti Micallef billi la Magri kienet qed thoss li ma kellha ebda kwistjoni ma’ l-attur, ma kien hemm xejn x’izommha milli tinforma lill-bintha dwar il-konvenju kif jidher li l-istess Carmen Magri ammettiet waqt il-kawza. Il-fatt li n-Nutar ighid li ma ntqalx diskors quddiemu f’dan is-sens, ma jfissirx li dan id-diskors ma ntqalx ghand in-Nutar bejn il-konvenuti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa l-ewwel talbiet ta’ l-attur
Tiddikjara illi l-bejgh li sar b’kuntratt tat-tnejn u ghoxrin ta’ Awissu, elf disa’ mija u erbgha u disghin (22/08/1994) fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius mill-konvenuti konjugi Magri, lill-konvenuti konjugi Micallef sar b’qerq, sabiex il-konvenuti konjugi Magri bil-kolluzjoni u komplicita’ ta’ binthom il-konvenuta Bridget u zewgha l-konvenut Rosario Micallef, jevadu l-obbligazzjonijiet taghhom lejn l-attur;

Konsegwentement tordna r-rexissjoni ta’ l-istess kuntratt tat-tnejn u ghoxrin ta’ Awissu, elf disa’ mija u erbgha u disghin (22/08/1994) fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius;

Tikkundanna lill-konvenuti konjugi Magri sabiex jersqu ghall-formazzjoni u pubblikazzjoni ta’ kuntratt biex ibieghu lill-attur il-proprjeta’ deskritta fil-konvenju (Dok. A) bil-prezz u bil-pattijiet u kondizzjonijiet kollha mifthiema fl-istess konvenju;

Tahtar lin-Nutar Joseph Darmanin biex jircievi u jippubblika l-kuntratti ta’ rexissjoni u ta’ bejgh – u – xiri tinnomina lill Dr. Paul Micallef Grimaud bhala kuratur biex jidhru f’isem min jonqos li jidher fuq l-istess kuntratti;

Tastjeni mill-tiehu aktar konjizzjoni tal-hames u sitt talbiet;

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti Magri u Micallef.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------